MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tad-29 ta' Mejju, 2012

Numru 561/2012

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR JURGEN VELLA**
**KONTRA**

**PIERRE SGHENDO**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Pierre Sghendo ta’ 35 sena, bin Joseph u Rita nee’ Galea, mwieled Pieta’ fis- 26 ta’ Settembru 1975, residenti 14, St. Dennis, Flat 2, Triq Olaf Palme, Fgura u detentur tal-Karta tal- Identita’ bin- numru 526475M;

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli;

1) nhar il- Gimgha 25 ta' Mejju 2012 ghal habta tas-6.00pm gewwa 14, St. Denis, Flat 4, Triq Olaf Palme, Fgura, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraw hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli u cioe ghamel hsara go dan l- imsemmi flat ghad- dannu ta' Luke Vella mill- Fgura u persuni ohra liema valur tal- hsara jeccedi €1,164.69;

2) ukoll talli 25 ta' Mejju 2012 ghal habta tas-6.00pm u l- Hadd 27 ta' Mejju 2012 ghal habta tas-1.00hrs, gewwa 14, St. Denis, Flat 4, Triq Olaf Palme, Fgura bi hsara tas- sid, detentur jew persuni ohra, ghamel vjolazzjoni kontra l- propjeta' ta' Luke Vella mill- Fgur u persuni ohra;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skont il-ligi sabiex jikkonsidra sew din l-ammissjoni, u wara li l-Qorti wissietu bl-aktar mod solenni tal-konsegwenzi li ggib maghha din l-istess ammissjoni;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza f'din il-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Wara li rat l- Artikoli 325(1)(a) u 340 (d) tal- Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lill- imputat hati u ghaldaqstant tilliberah bil- kundizzjoni li ma jaghmilx reat

iehor fi zmien sentejn ai terminu tal- Artikolu 22 tal- Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta’ Malta.
Tordna lill-imputat ihallas is-somma ta’ elfejn ewro (€2,000) lil Luke Vella fi zmien tlett (3) xhur ai terminu tal- Artikolu 24 tal- Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta’ Malta, u dan bla pregudizzju ghal somma ohra li tista’ tkun talvolta dovuta fuq dan l-istess mertu.
Tordna l-hrug ta’ Ordni ta’ Protezzjoni favur Luke Vella ghal sentejn ai terminu tal- Artikolu 412C tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------